# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-19 ta' Jannar, 2017.**

**Rikors Numru 692/2016 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs.**

**Alexia Papadopoulos**
**K.I. numru 261582 (M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 t'Awwissu, 2016, li permezz tieghu sintetikament ippremettiet is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi permezz ta' skrittura privata datata s-7 ta' Marzu, 2014, ikkoncediet facilita` bankarja lill-intimata, (ara foll 5);

1.2. Illi hi kreditrici tal-intimata fl-ammont ta' tmintax il-elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu, (€18,925.72), bilanc ghad-debitu tal-intimata, (ara foll 22 u 23), flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mill-15 ta' Gunju, 2016, sad-datat tal-effettiv pagament;

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq riferita, partikolarment dawk indikati mill-istess Bank rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur fuq indikat;

1.4. Illi ghalkemm interpellata biex thallas d-dejn minnha dovut, (ara foll 25), l-intimata baqghet inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk il-Bank rikorrenti kien kostrett jintavola l-procedura odjerna, biex din il-qorti:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq indikata li jipperikolaw u jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lill-bank *de quo*;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €18,925.72 bilanc mid-debitu li l-intimata hekk ghandha mal-bank rikorrenti, flimkien ma imghaxijiet ulterjuri mill-15 ta' Gunju, 2016, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata;

2. Rat in-notifika tal-intimata bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz ghas-smigh datata l-24 t'Awwissu, 2016, (ara foll 31);

3. Rat ir-rikors tal-intimata datat l-10 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li tinghata l-opportunita` li tissottometti risposta ghar-rikors guramentat fuq riferit, (ara foll 35);

4. Rat ir-risposta ghar-rikors tal-intimata indikat fil-paragrafu precedenti, datat il-21 t'Ottubru, 2016, li ghar-ragunijiet hemm

esposti, l-bank rikorrenti oppona ghat-talba tal-intimata biex tipprezenta r-risposta guramentata taghha, (ara foll 38);

5. Rat id-digriet taghha fir-rigward, datat l-10 ta' Novembru, 2016, fejn wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, cahdet it-talba tal-intimata biex tissottometti r-risposta guramentata minnha mitluba;

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata datata t-12 ta' Dicembru, 2016, ara foll 44, flimkien ma dik tal-Bank rikorrenti datata t-2 ta' Jannar, 2017, (ara foll 52);

7. Semghet lix-xhud prodotta li ikkonfermat il-fatti kif esposti fir-rikors guramentat promotur bid-differenza li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur zdied l-ammont t'imghax legali dovut mill-intimat favur il-bank rikorrenti;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

9. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-bank rikorrenti jitratta l-kaz;

10. Tissottolinea li *ai termini* tal-artiklu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, awtorizzat lill-istess intimata kontumaci biex jekk jidhrilha li hekk ghandha taghmel, setghet tipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub fir-rigward;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi fid-dawl tas-suespost tqis li l-bank rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

11.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata s-7 ta' Marzu, 2014, fuq indikata li jipperikolaw u jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tad-debitu fuq riferit dovut mill-intimata kontumaci lill-bank rikorrenti;

11.2. Tikkundanna lill-intimata thallas ghalhekk lill-bank rikorrenti s-somma ta’ €18,925.72, bilanc mid-debitu minnha lilhu dovut, flimkien ma l-imghaxijiet lilhu wkoll dovuti mill-15 ta’ Gunju, 2016, sad-data tal-effettiv pagament;

11.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmija intimata kontumaci.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**